MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 18/2011

**Richard Cranston**
**vs**
**Kummissarju tal-Pulizija,**
**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ipprezentat fil-15 ta’ April, 2011, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja sabiex din il-Qorti tinvestiga il-hrug ta’ mandat ta’ arrest ewropew mahrug fil-konfront tieghu mill-awtoritajiet gudizzjarji ta’ Catania, fi Sqallija;

Illi in effetti it-talba sabiex l-esponent jigi estradit lura l-Italja saret minhabba illi kien gie kkundannat ghal piena karcerarja mill-Qorti ta’ hemmhekk;

Illi ir-rikorrent ma kkontestatx it-talba ta’ l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani pero quddiem il-Qorti ta’ Malta issottometta li hu ma kellux jigi deportat a finche proceduri ulterjuri li hu ghandu quddiem il-Qrati Maltin jigu finalment decizi, illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet li ir-rikorrent kellu jigi deportat immedjatament u li l-proceduri ulterjuri li ghandu f’Malta kellhom jissoktaw wara li huwa jkun skonta definittivament il-piena karcerarja li kellu l-Italja;

Illi ghandu jinghad li attwalment il-proceduri quddiem il-Qrati Maltin jinsabu differiti ghal-provi tar-rikorrenti;

Illi ir-rikorrenti ghandu xi xhieda xi jtella’ fosthom dawk xhieda barranin;

Illi naturalment jekk il-proceduri tieghu jigu sospizi f’dan l-istadju ser ikun ferm difficli ghall-esponent sabiex iressaq dawn ix-xhieda li fil-probabilita kollha ikunu irritornaw lura lejn pajjizhom;

Illi in oltre l-esponent ghandu il-jedd ghall-process gudizzjarju fi zmien ragjonevoli u li dan id-dritt jista’ jigi lilu negat billi l-process tieghu jigi sospiz ghal numru ta’ snin sakemm hu jiskonta l-piena fl-Italja;

Illi konsegwetement hu qed jintavola dawn il-proceduri fit-termini ta’ l-artikolu 16 tal-Kap. 27 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi hu jilmenta li d-decizjoni mehuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gudikatura Kriminali ser tilledilu id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Qorti joghgobha :

1. previa li tiddikjara li jekk ir-rikorrent jigi deportat lejn l-Italja f’dan l-istadju ser jigu lezi id-drittijiet tieghu ghal

smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Article 6 tal-konvezjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
2. tiddeciedi u tipprovdi billi li l-esponent ma ghandux jigi deportat a finche ma jkunx hemm ezitu definittiv fi proceduri ulterjuri illi huwa ghandu quddiem il-Qrati Maltin;
3. taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex jigu sanciti id-drittjiet fundamentali u inerenti tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimati, li *in forza* taghha wiegbu :

1. Illi minn qari tar-rikors promotur huwa manifest illi r-rikorrent ma ghandu ebda drittijiet fundamentali x’jittutela. Ghaldaqstant ma hemm ebda lok li jressaq rikors bhal dan hlief biex itawwal u jabbuza bil-process gudizzjarju.

2. Illi l-esponenti jirreferu għar-regolament 28A li jipprovdi hekk:

*(1) Dan l-artikolu japplika jekk f’xi waqt matul is-smigh dwar l-estradizzjoni l-qorti tigi mgharrfa li l-persuna li dwarha jkun inhareg il-mandat taht it-Taqsima II tkun giet akkuzata b’reat f’Malta bazat fuq l-att li ma jkunx dak l-att li fuqu jkun ibbazat il-mandat taht it-Taqsima II.*

*(2) Jekk qorti tibghat lill-persuna biex titqieghed taht att ta’ akkuza biex tistenna li titregga’ lura u jkun ghadu qed jitmexxa kontra dik il-persuna ghall-akkuzi msemmija fis-subartikolu (1), hija tista’:*
*(a) tipposponi l-konsenja tal-persuna sakemm tigri xi haga minn dawn li gejjin:*
*(i) isir mill-akkuza;*
*(ii) l-akkuza tigi rtirata;*
*(iii) il-procedimenti dwar l-akkuza ma jitkomplewx;*
*(iv) il-procedimenti jigu differiti sine die; jew*
*(b) tikkonsenja temporanjament lill-persuna taht kondizzjonijiet miftiehma bil-miktub ma’ l-awtorità li tkun harget il-mandat taht it-Taqsima II.*

Illi kien precizament dan li ghamlet il-Qorti Rimandanti u cioe' li iddecidiet, kif kellha is-setgha li taghmel, skond l-Artikolu 28A(2)(b) tal-S.L. 276.05;

Illi *multo magis* sahansitra il-Kodici Kriminali jipprovdi ghal decizjoni simili minn Qorti Rimandanti anke fi stadju tal-istruttorja (kuntrarjament ghall-kaz kontra r-rikorrent Cranston li huwa sommarju):

*402A. Meta fir-rigward ta' persuna li tigi akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' inkjesta kriminali, qorti tkun ghamlet ordni ghall-konsenja taghha temporanja lejn Stat barrani li jkun qieghed jitlob l-estradizzjoni taghha jew lil xi awtorità kompetenti barranija ohra li tkun qeghda titlob il-konsenja taghha, it-termini ta' zmien imsemmija fl-artikolu 402(1) ghandhom, mid-data tat-treggigh lura taghha f 'Malta, jergghu jibdew ghaddejjin mill-gdid.*

3. Illi inoltre fil-kaz **Il-*Pulizija (Spt. Dr. Mario Cuschieri LL.D) vs Giuseppe Lauretta***, deciz fl-20 t'April 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onorabbli Imhallef Dr. Lawrence Quintano iddecidiet is-segwenti:

"Mis-sottomissjonijiet magħmula mid-difiża jirriżulta li l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali m'għandu xejn x'jaqsam ma' dak odjern (...). It–tieni, anqas li kieku kien l-istess każ, xorta huwa fid-deskrizzjoni tal-Qorti x'tagħmel minħabba li l-kelma użata fil-Liġi hija 'tista'' u mhux 'għandha'. **Hija l-Qorti li għandha tiddeċiedi x'għandha tagħmel u mhux l-estradit li m'għandu ebda dritt jiddeċiedi hu xi jsir jew ma jsirx**." (enfasi tal-esponenti)

Illi dan huwa ezattament il-kaz prezenti, billi l-proceduri f'Malta m'ghandhomx x'jaqsmu ma' dawk li minhabba fihom ir-rikorrent qed jigi imfittex mill-Italja.

4. Illi ma dan l-esponenti jzidu jsemmu dak li qalet il-Prim' Awla, dejjem f'sede kostituzzjonali, fis-sentenza fl-

ismijiet ***'Claudio Porsenna vs Avukat Generali'*** (Rik. 28/2009) deciza fis-6 t'April 2011:

"… il-Qorti tqis li meta l-Konvenzjoni titkellem dwar il-jedd ta' persuna li taccedi għal qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'ligi, dan ifisser li l-Konvenzjoni tiggarantixxi li l-każ ta' dik il-persuna jinstema' minn qorti mogħnija b'dawk il-kwalitajiet. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-jedd ta' access effettiv għal qorti f'każi ta' proceduri kriminali tgħodd fiha l-jedd tal-persuna mixlija li tagħżel hi quddiem liema qorti jmissha tidher. Kemm hu hekk, dwar dan il-jedd ta' access ingħad li

"*For criminal cases and for cases with criminal features which make article 6 applicable, the right of access to a court implies that the person who is 'charged' has the right that any ultimate determination of that charge is made by a court which fulfils the requirements of article 6 para. 1. It does not imply that the person 'charged' may demand the continuation of the prosecution and an ultimate trial by a court, but only that, when a determination is made, this is done by a court*" "[1].

5. Illi filwaqt li l-estradit rikorrenti jilmenta li ma nghatax smigh xieraq l-esponenti ma jistghux ma jissotolinejawx dak li gie ritenut mill-Qrati taghna (f'dak il-kaz izda kien gie intavolat appell u dan ghaliex ma kienx hemm il-kunsens tal-estradit) li tennew li mhux kompitu ta' Qorti f'sede Kostituzzjonali li terga tiftah argumenti gja decizi minn qrati ohra precedentement.

Dan kellha xi tghid ***il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Anthony Bartolo vs Kummissarju tal-Pulizija et, 15 ta' Lulju 2002***:

"Ovvjament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tissindika dawn il-proceduri mill-ottika kostituzzjonali hija limitata fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Kapitolu 276

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit), § 10.4.3., f'pag. 563

tal-Ligijiet ta' Malta. Kull ezami ghalhekk li jrid isir dwar jekk kienx hemm ksur tal-principju ta' smiegh xieraq minn Qorti imparzjali jew indipendenti, u dana b'riferenza specifika f'dan il-kaz ghall-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jrid isir b'riferenza ghall-funzjoni ta' dik il-Qorti fil-materja in ezami. Hekk gie ritenut korrettement mill-Qorti Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Satariano" tas-16 ta' Gunju 1997:

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dan il-kriterju gie dezinjat f'dawn it-termini. F'kaz li l-Qorti ssib li l-provi prima facie jindikaw il-probabbilita' ta' htija, jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant: ma ghandhiex tikkonsidra l-preponderanza tal-provi…"

6. Illi l-ilmenti tar-rikorrent iridu ghalhekk ikunu indirizzati lejn ezami tal-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu tenut kont tal-gurisdizzjoni partikolari li ghandha l-Qorti Rimandanti. Hemm limitazzjoni ohra li timmilita kontra t-tezi tar-rikorrenti u cioe' li f'dan l-ezami li jrid isir mhux permess ghal din il-Qorti li taghmilha ta' Qorti t'Appell jew tat-tieni grad, u dan ghaliex l-estradit, mal-ammissjoni tieghu, irrinunzja ghal kwalunkwe dritt ta' appell kif gja intqal aktar ' il fuq. Dak li qed jittenta jaghmel l-estradit, issa li qed jara li t-triq li ghazlet il-Qorti rimandanti (bil-poter moghti lilha ai termini tal-artikolu 28A tal-S.L. 276.05) mhux ghall-gosti tieghu, hu li jintavola rikors frivolu u vessatorju bhal dan u jsejjahlu rikors kostituzzjonali ghax ma ghandux dritt t'appell!

Fi kliem iehor, jekk jirrizulta illi, soggett ghal dak fuq imsemmi, is-smiegh quddiem il-Qorti Rimandanti kien wiehed imparzjali w indipendenti, ma jispettax lil din il-Qorti li tevalwa il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzzjonijiet taghha u tezamina jekk dik il-Qorti

kienetx gustifikata biex tasal ghal dawk l-istess konkluzjonijiet u tiehu id-decizjonijiet li kienet intitolata tiehu.

7. Illi ghalhekk bit-talba tieghu ir-rikorrent qieghed b’mod subdolu jittanta jinduci lil din il-Qorti sabiex tuzurpa l-funzjonijiet moghtija lill-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ai termini tal-Artikolu  tal-Kap. 276. Dan qed jinghad ukoll tenut kont dak li jipprovdi l-artikolu 15(1) tal-Kap. 276, Att dwar l-Estradizzjoni,  rez applikabbli bl-artikolu 8(4) tal-L.S. 276.05:

***15.**** (1) Persuna arrestata bis-sahha ta’ mandat ……….. titressaq malajr kemm ikun prattikabbli u f ’ebda kaz aktar tard minn tmienja u erbghin siegha mill-arrest taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta’ kumpilazzjoni (f’dan l-Att imsejha l-qorti rimandanti) li ghandu jkollha ghall-finijiet tal-procedimenti skond dan l-artikolu l-istess setghat, safejn jista’ jkun, maghduda s-setgha li tibghat f’kustodja jew tehles mill-arrest bi plegg, kif l-imsemmija qorti ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel.*

8. Illi jrid jinghad ukoll li qabel ma ppronunzjat id-decizjoni u ezercitat il-poteri diskrezzjonali moghtija lilha bil-ligi, il-Qorti Rimandanti hadet in konsiderazzjoni l-istadju li waslu fihom il-proceduri domestici (ara fol. 2-3 ***Il-pulizija vs Richard Alistair Cranston,*** Mag. J. Apap Bologna 08/04/2011, mehmuza bhala Dok. ‘A’);

9. Illi jigi sottolinejat li r-rikorrent ta l-kunsens tieghu ghal tali treggigh u ghalhekk kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-20 t’April 2011 fl-ismijiet **Il*-Pulizija (Spt. Dr. Mario Cuschieri LL.D) Vs Giuseppe Lauretta*** :

“Bħalma diġa’ ntqal aktar ‘il fuq l-estradit ta l-kunsens tiegħu b’mod irrevokabbli.  Issa r-regolament 44(2) tal-Avviż Legali 320 tas-sena 2004 jagħmel applikabbli l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 dwar l-Estradizzjoni.

Ir-regolament 44 tal-Avviż Legali japplika meta ssir ordni biex persuna tintbagħat lura wara li jkunu ngħata l-kunsens. Min-naħa l-oħra l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 jipprovdi li jekk il-Qorti hija soddisfatta li persuna volontarjament aċċettat li tkun estradita, il-Qorti għandha tpoġġiha taħt kustodja sakemm tkun irritornata lura.
Fl-aħħar sentenza tal-paragrafu l-artikolu jipprovdi wkoll li ma jkun hemm ebda appell taħt dan is-subinċiż (5) tal-artikolu 15 minn ordni tal-Qorti li bih tkun poġġiet persuna taħt kustodja (wara li din tkun tat il-kunsens tagħha għal tali estradizzjoni.
Minn dan isegwi li dan l-appell lanqas seta' biss isir.".

10. Illi in oltre, stante l-urgenza tal-proceduri, l-esponenti jixtiequ jissollecitaw bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fi kwalunkwe kaz dan ir-rikors jigi deciz kemm jista jkun malajr. Anzi, fic-cirkostanzi l-esponenti jhossu li huwa sahansitra indikat li s-seduta iffissata ghall-4 ta' Mejju tigi rikjamata ghal data aktar prossima. Dan peress illi ai termini tal-Artikolu 17 tal-*Framework Decision on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States* (2002/584/JHA), li bis-sahha taghha inhareg il-mandat t'arrest, huwa provdut illi:

*"1. A European arrest warrant shall be dealt with and executed* ***as a matter of urgency****.*
*2. In cases where the requested person consents to his surrender, the final decision on the execution of the European arrest warrant should be taken within a period of 10 days after consent has been given.*
*3. In other cases, the final decision on the execution of the European arrest warrant should be taken within a period of 60 days after the arrest of the requested person."* (enfasi tal-esponenti)

Fil-fatt l-artikolu 44 (5) tal-Ligi Sussidjarja 276.05 jipprovdi:

*"Il-qorti ghandha fil-perjodu ta'* ***ghaxart ijiem li jibdew ghaddejin mill-jum meta jinghata l-kunsens****, tordna t-treggigh lura ta' dik il-persuna lejn il-pajjiz skedat."* (enfasi tal-esponenti)

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li in vista tal-urgenza tal-kaz, dan ir-rikors jinstema b'urgenza u sahansitra jidhrilhom li hu indikat li s-seduta iffissata ghall-4 ta' Mejju tigi rikjamata ghal data aktar prossima. Inoltre l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad ir-rikors odjern filwaqt li tiddeciedi li tali rikors huwa frivolu u vessartorju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent Cranston.

Ikkunsidrat :

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2011 ir-rikors kostituzzjonali gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2011 u ghalhekk irrizulta car minn dan il-verbal illi l-partijiet ma ghandhomx provi xi iressqu u lanqas ma riedu jaghmlu trattazzjoni.

Illi inoltre Dr Donatella Frendo Dimech ghall-intimati ipprezentat rikors fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrikjama il-kawza u taghti is-sentenza f'data aktar vicina minn dik tat-30 ta' Gunju 2011 u ir-rikorrenti, debitament notifikat, naqas milli iwiegeb ghal dan ir-rikors u konsegwentement il-Qorti laqghat it-talba u irrikjamat ir-rikors kostituzzjonali ghallum ghas-sentenza.

Illi ir-rikorrenti, permezz tar-rikors kostituzzjonali illi ipprezenta, talab illi il-Qorti tiddikjara illi jekk ir-rikorrenti jigi deportat lejn l-Italja f'dan l-istadju ser jigu lezi id-drittijiet tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u talab ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi ir-rikorrenti ma ghandux jigi deportat sakemm ma jigux decizi finalment il-proceduri illi huwa ghandu quddiem il-Qrati Maltin.

Ikkunsidrat :

Illi l-intimati kellhom ragun jissottomettu fir-risposta taghhom illi ir-Regolament 28A jghid illi :

Jekk Qorti tibghat persuna biex titqieghed taht att ta' akkuza biex tistenna li titregga' lura u jkun ghadu qed jitmexxa kontra dik il-persuna ghall-akkuzi msemmija fis-subartikolu (1), hija tista' tikkonsenja temporanjament lill-persuna taht kundizzjonijiet miftehma bil-miktub ma' l-awtorità li tkun harget il-mandat taht it-Taqsima II, u kien hekk illi ghamlet il-Qorti rimandanti meta iddecidiet skond l-Artikolu 28A(2)(b) tal-S.L. 276.05.

Illi l-Qorti rat s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Claudio Porsenna vs Avukat Generali deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' April 2011, fejn il-Qorti qalet illi tqis li meta l-Konvenzjoni titkellem dwar il-jedd ta' persuna li taccedi għal qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'ligi, dan ifisser li l-Konvenzjoni tiggarantixxi li l-każ ta' dik il-persuna jinstema' minn qorti mogħnija b'dawk il-kwalitajiet. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-jedd ta' access effettiv għal qorti f'każi ta' proceduri kriminali tgħodd fiha l-jedd tal-persuna mixlija li tagħżel hi quddiem liema qorti jmissha tidher.

Illi l-Qorti tara ukoll illi l-intimati ghandhom ragun jissottomettu illi meta ir-rikorrenti estradit ilmenta li ma inghatax smigh xieraq, mhuwiex il-kompitu ta' Qorti f'Sede Kostituzzjonali li terga tiftah argumenti li diga gew decizi minn Qrati ohra, u f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Anthony Bartolo vs Kummissarju tal-Pulizija et, deciza fil-15 ta' Lulju 2002, fejn il-Qorti qalet illi kull ezami li jrid isir dwar jekk kienx hemm ksur tal-principju ta' smiegh xieraq minn Qorti imparzjali jew indipendenti, u dana b'riferenza specifika f'dan il-kaz ghall-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jrid isir b'riferenza ghall-funzjoni ta' dik il-Qorti fil-materja in ezami.

Ikkunsidrat :

Illi una volta is-smigh quddiem il-Qorti rimandanti kien wiehed imparzjali u indipendenti, din il-Qorti ma tistax

tevalwa il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha u tezamina jekk dik il-Qorti kienetx gustifikata jew le biex tasal ghal dawk l-istess konkluzjonijiet, ghaliex b'dan il-mod il-Qorti tkun qeghda tagixxi bhala Qorti ta' Appell jew tat-tieni grad, haga li din il-Qorti certament mhijiex ser taghmel.

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti odjern ta l-kunsens tieghu ghat- treggigh lura lejn l-Italja, u bhalma qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' April, 2011 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Lauretta, l-estradit ta' il-kunsens tiegħu b'mod irrevokabbli. L-artikolu 15(5) tal-Kap 276 jipprovdi li jekk il-Qorti hija sodisfatta li persuna volontarjament aċċettat li tkun estradita, il-Qorti għandha tpoġġiha taħt kustodja sakemm tkun irritornat lura. Dan l-Artikolu jipprovdi wkoll illi ma jkun hemm l-ebda appell minn ordni tal-Qorti li bih tkun poggiet persuna taht kustodja f'kazijiet simili, u minn dan isegwi li lanqas biss ma jista jsir appell.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi <u>tichad</u> it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------